**IL-KUMITAT MAGĦŻUL TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI JNIEDI PROĊESS TA' KONSULTAZZJONI PUBBLIKA**

Il-Kumitat Magħżul, maħtur flimkien mill-Gvern u mill-Oppożizzjoni biex jirrakkomanda dwar diversi materji ta' interess nazzjonali, qed iniedi proċess ta' konsultazzjoni pubblika. Il-Kumitat jistieden organizzazzjonijiet u membri tas-soċjetà ċivili biex jiktbu lill-Kumitat fuq is-suġġett jew suġġetti li jinteressahom minn fost dawk elenkati fir-Riżoluzzjoni mgħoddija mill-Parlament. Il-Kumitat qed jistieden ukoll lill-istess organizzazzjonijiet u membri tas-soċjetà ċivili sabiex jindikaw l-interess tagħhom li jiġu mistiedna jieħdu sehem f'laqgħat ta' konsultazzjoni pubblika (*public hearings*) fuq dawn is-suġġetti. Il-Kumitat ser jippubblika avviżi fil-ġurnali biex jagħti d-dettalji dwar l-applikazzjoni li tinħtieġ timtela għal dan l-iskop.

Il-Kumitat reġa' ltaqa' dalgħodu fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament taħt il-presidenza ta' Mr Speaker, l-Onor. Louis Galea.

Il-Membri tan-naħa tal-Gvern tmexxew mill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin, l-Onor Tonio Borg, filwaqt li l-Membri tan-naħa tal-Oppożizzjoni tmexxew mill-Onor Anġlu Farrugia, Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Parlament.

Il-Kumitat Magħżul se jorganizza laqgħat ta' konsultazzjoni pubblika (*public hearings*) dwar is-suġġetti elenkati fir-Riżoluzzjoni mgħoddija mill-Parlament imqassma fi tliet temi:

- **IT-TISĦIĦ TAL-PARLAMENT**

- **IT-TISĦIĦ TA' TRASPARENZA U KONTABILITÀ** (Tisħiħ tal-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni, tisħiħ tal-Istituzzjoni tal-Ombudsman, issikkar fuq konflitt ta' interess ta' Membri Parlamentari, Segretarji Parlamentari u Ministri, finanzjament pubbliku ta' partiti politiċi)

- **IT-TISĦIĦ TAL-KOSTITUZZJONI** (inkluż titjib fil-Liġi Elettorali u x-Xandir f'Malta)

Mr Speaker qed jistieden lil min hu interessat jipparteċipa biex jikseb applikazzjoni minn fuq il-websajt tal-Parlament **www.parliament.gov.mt** u jibgħatha b'*email* fuq l-indirizz **selectcommittee@gov.mt**, jew bil-fax fuq in-numru **25596400**, jew bil-posta lil **Select Committee, Uffiċċju tal-Iskrivan tal-Kamra, Kamra tad-Deputati, Il-Palazz, Il-Belt Valletta**, jew billi jċempel l-Uffiċċju ta' l-Iskrivan tal-Kamra fuq in-numru tat-telefon **25596206**, sa mhux aktar tard minn nhar l-Erbgha, 24 ta' Settembru, 2008.

L-Uffiċċju tal-Iskrivan tal-Kamra jikkomunika l-post, il-ġranet u l-ħinijiet tal-konsultazzjonijiet pubbliċi aktar tard.

Il-Kumitat Magħżul twaqqaf mill-Parlament b'vot unanimu fis-seduta tas-16 ta' Lulju, 2008 fuq Riżoluzzjoni mressqa mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi u sekondata mill-Onor Anġlu Farrugia.

Il-Kumitat ifakkar li fuq is-sit uffiċjali tal-parlament www.parliament.gov.mt hemm paġna dedikata esklussivament għall-ħidma tal-Kumitat biex il-pubbliku jinżamm mgħarraf bid-dokumenti u l-ħidma tal-kumitat.

Mr Speaker, Dr Louis Galea fisser li l-aħjar kontribut ikun dejjem dak maħsub u bil-miktub. Hu għalhekk li l-Kumitat jistieden opinjonijiet, suġġerimenti jew rakkomandazzjonijiet bl-*email* fuq selectcommittee@gov.mt jew bil-posta indirizzata "Mr Speaker, Kumitat Magħżul tal-Kamra, Kamra tad-Deputati, Valletta".

Fil-ġimgħat li ġejjin il-Kumitat se jorganizza sessjonijiet apposta miftuħa għall-pubbliku biex fihom jisma' direttament gruppi u għaqdiet li jkunu jridu jfissru l-ideat tagħhom dwar il-materji msemmija fir-Riżoluzzjoni.

**Aktar informazzjoni**

Il-materji ta' interess nazzjonali li r-Riżoluzzjoni (mozzjoni Nru 47) ssemmi huma:

1. It-tisħiħ tal-Parlament;
2. It-tisħiħ tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni;
3. It-tisħiħ tal-Uffiċċju tal-Ombudsman;
4. Liġi dwar il-Finanzjament tal-Partiti Politiċi;
5. Titjib fis-sistema elettorali fil-kuntest ta' reviżjoni tal-Kostituzzjoni;
6. Liġi dwar issikkar fuq konflitt ta' interess ta' Membri Parlamentari, Ministri u Segretarji Parlamentari; u
7. Ix-xandir f'Malta.

Il-Kumitat Magħżul hu kompost hekk:

*Speaker* L-Onor Louis Galea

*Deputy Speaker* L-Onor Carmelo Abela

Għan-naħa tal-Gvern:

Membri: L-Onor Tonio Borg

L-Onor Austin Gatt

L-Onor Francis Zammit Dimech

Sostituti: L-Onor Michael Frendo

L-Onor Beppe Fenech Adami

L-Onor Charló Bonnici

Għan-naħa tal-Oppożizzjoni:

Membri: L-Onor Anglu Farrugia

L-Onor Charles Mangion

L-Onor Karmenu Vella

Sostituti: L-Onor Evarist Bartolo

L-Onor Michael Falzon

L-Onor George Vella

**DOI – 03.09.2008**